

8/8/75
545

IL-KUMITAT TAT-TEATRU MANOEL

*flimkien mal-*

KAPITLU TAL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX

*jippreżentaw*

# KUNĊERT ORKESTRALI

*mill-*

**ORKESTRA TAT-TEATRU MANOEL**

*bil-parteċipazzjoni ta'*

**l-Onor. ANTON BUTTIGIEG, B.A., LL.D., M.P.**

*Leader: GEORGE SPITERI*

Conductor: JOSEPH SAMMUT

**fil-KATIDRAL TA' SANTA MARIJA**

**GĦAWDEX**

**NHAR IL-ĠIMGĦA, 8 TA' AWISSU, 1975**



## IL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX

F'nofs il-Belt ewlenija tal-gżira Għawdxija, fuq daqsxejn ta' għolja tinsab il-Knisja Katidrali mħarsa u mkenna mill-ħitan wesgħin u zonqrija ta' sur li ra lil missirijietna jitqabdu mal-Mislem b'qawwa ta' ljuni.

L-ewwel ħjiel ta' siwi li għandna ta' din il-Knisja jmur lura sas-sena 1435 meta eżatt fit-12 ta' Ottubru, insibu lil Nuncio de Episcopo, Għawdxi, iħalli xi ħaġa żgħira lill-Kappillan tal-Knisja Matriċi ta' Santa Marija u jagħti lill-altar maġġur ta' l-istess Knisja Matriċi tnax-il ratal xemgħa maħduma. Dan id-dokument instab fl-Arkivju Notarali tal-Gvern tal-Belt Valletta. U dan ifisser li xjentifikament s'issa din il-Knisja Katidrali hi leqdem waħda ta' Għawdex. Dan il-fatt hu msaħħaħ mill-valur tat-tradizzjoni.

Matul il-medda twila tas-snin saru bosta tibdiliet fl-istruttura arkitettonika tagħha. L-aħħar tibdil f'din il-knisja sar fuq id-disinn tal-magħruf arkitett Malti Lorenzo Gafà. Dan it-tibdil dam sejjer 14 il sena għax beda fil-21 ta' Settembru, 1697, u ntemm fl-14 ta' Awissu, 1711. Dan ix-xogħol kollu sar bit-tħabrik ta' l-Arċipriet ta' dak iż-żmien Dr Nicolo' Cassia Magri.

B'digriet tas-6 ta' Ġunju, 1623, Baldassarre Cagliares, Isqof ta' Malta u Għawdex, l-uniku Malti fost l-Isqfijiet tagħna taż-żmien tal-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann għolla din il-Knisja għall-ġieħ ta' Kolleġġjata. Il-konferma ta' dan id-digriet waslet minn Ruma bil-bolla 'Superna Dispositione' tal-Papa Alessandru VII bid-data tal-20 ta' Ottubru, 1663.

Data oħra li tibqa' minsuġa b'ittri tad-deheb fl-Istorja Ekkleżjastika ta' Għawdex kollu hija żgur dik tat-22 ta' Settembru, 1864 meta l-Papa Piju IX bil-Bolla 'Singulari Amore' ħatar din il-Knisja Matriċi Kolleġġjata għad-dinjità għolja ta' Katidral. L-ewwel Isqof t'Għawdex ġie magħżul l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mikiel Buttigieg.

Din il-Knisja ġiet ikkonsagrata fil-11 ta' Ottubru, 1716 mill-Isqof Giacomo Canuaves. Waħda mill-akbar opri artistiċi tal-gżejjer Maltin hija żgur il-koppla finta li nsibu mpinġija fuq it-tila f'din il-Knisja. Din hi biċċa xogħol tal-magħruf pittur Antonio Manueli minn Messina u tqegħdet fl-24 ta' Marzu, 1793.

Fid-29 ta' April, 1956 nkitbet waħda mill-isbaħ paġni fl-istorja ta' dan il-Katidral meta s-Soċjetà Filarmonika 'Leone' irrigalat statwa sabiħa ta' Santa Marija Assunta lill-Kapitlu Katidrali. Dil-ġrajja biddlet il-Katidral bħal lejl minn nhar għax qabel dan iż-żmien dan it-tempju kien waqa' fid-dalma kerha tan-nessejja u issa reġa' ħa l-ħajja u sar wieħed mill-akbar ċentri ta' devozzjoni Marjana.

# PROGRAMM

| | | |
|---|---|---|
| SUITE | **ROSAMUNDE** | SCHUBERT |

Dan il-Preludju mużikali li għandu ħlewwa li tgħaxxaq, mhux dak li ndaqq fl-1823. Dak li ndaqq f'din is-sena hu l-preludju li bih tiftaħ l-opri Alfonso u Estrella fil-waqt li l-preludju li llum kulħadd jafu bl-isem ta' Rosamunde kien inkiteb oriġinarjament minn Schubert għall-opra mużikali "Dei Zauberharfe" — dan kien instama' mill-pubbliku l-ewwel darba fl-1820 fit-Teatru "Theatre-an-der-Wien". Xejn anqas minn dan il-preludju ma jħallu msaħħar il-bċejjeċ mużikali tal-Ballet li ta t-tielet Entracte. Schubert kien inqeda bil-motiv tagħhom sewwa għad-daqq ta' kwartett — A Minor — kemm għad-daqq tal-pjanu "Impromptu".

SINFONIJA Nru. 104 D MAJOR (THE LONDON) — HAYDN

adagio — allegro — andante — minuetto — allegro — finale spiritoso

Minkejja li Haydn kien kiteb mhux anqas minn tnax-il Sinfonija f'Londra jew għal Londra, b'danakollu dik li ġġib l-isem ta' "London Symphony" tfakkrek fl-isem ta' din il-belt kapitali. Għax tgħid, din kienet l-aħħar sinfonija miktuba minn Haydn. Din is-Sinfonija kienet komposta fl-1795 u ndaqqet fl-istess sena. Il-flus li nġabru minnha kienu wara tqassmu f'għamliet ta' għajnuna.

IT-TALBA GĦAL MALTA (Versi ta' Anton Buttigieg) — C. PACE

Ippreżentata mill-Awtur stess

F'dan ix-xogħol ġdid, il-poeta joffri 'l Alla t-talba tiegħu u jitolbu biex iħares lil pajjiżu u jseddqu fis-sliem u l-paċi. Ta' min isemmi li dan ix-xogħol ġie mnebbaħ minn żjara li għamel il-poeta dan l-aħħar f'waħda mill-bosta kappelli żgħar fil-kampanja.

TIENI MOVIMENT MIS-SINFONIJA — DVORAK

Nru. 9 E MINOR (NEW WORLD) OP. 95

largo

SUITE No. 2 — **L-ARLESIENNE** — BIZET

Pastorale — Intermezzo — Minuetto — Farandole

Matul iż-żmien li Dvorak għex l-Amerika, il-kittieb mużikali Krehbiel webblu bil-mużika tas-Suwed Amerikani. Lil Dvorak din il-mużika laqtitu; għalhekk, fil-kompożizzjonijiet tiegħu beda jinqeda bl-istil tagħha u jdaħħal minnha xejriet kif jidhirlu. Hawn nisimgħu daqq ta' kordi li għandhom bħala sfond, id-daqq sieket ta' l-Oboe. Fl-istess ħin, nota waħdanija u ma taqta' xejn tal-kornu tispiċċa biex tingħaqad mad-daqq tal-flawt u ta' l-oboe u, wara, mad-daqq għoli fit-ton tal-kordi. In-noti mgħaġġlin ta' l-oboe, flawt, u klarinett huma karatteristiċi tal-mużika li biha jimpressjonana.

Alexander Cesar-Leopold, magħruf bl-isem ta' George Bizet twieled Pariġi. Wara li studja fil-Konservatorju ta' Pariġi, Bizet rebaħ il-premju li jġib l-isem ta' "Prix de Rome", fl-1857. L-ewwel opra tiegħu li għamlet isem kienet "Les Pictreurs de Perles". Wara din ħarġu għad-dawl opri oħra, iżda ma kienx qabel is-sena 1872 li Bizet ta lid-dinja l-kapulavur tiegħu mużikali li bih illum hu l-aktar imsemmi jiġifieri l-opra "Carmen". Din l-opra instemgħet l-ewwel darba fl-Opera Comique ta' Pariġi fl-1875 u kienet milqugħa b'nofs ħeġġa. Bizet miet f'Ġunju ta' dik is-sena — hu kien miet kmieni wisq biex ikun jista' jara l-opra li l-aktar kellu għal qalbu milqugħa mid-dinja kollha bħala xogħol mużikali ta' mgħallem.



Fuq l-Orgni

**Maria Zammit**


ASCENDIT